**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 147/14 AF**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Ecorp Limited (C39178)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GO plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjeta' intimata, li sa minn issa qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni, dahlet f'diversi rabtiet kuntrattwali mas-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' provizjoni ta' diversi servizzi;

Senjatament dawn il-kuntratti kienu jirreferu ghal:

Servizz ta' internet abbinat man-numru 21234184 (AC40124281) datat 16 ta' April tas-sena 2009 (Dok. A);

Servizz ta' telefonija fuq in-numri 21234186 u 21233211 (AC40071871) datati 16 ta' April tas-sena 2009 u 8 ta' Awwissu tas-sena 2006 rispettivament (Dok. B u Dok. C);

Servizz ta' internet abbinat man-numru 21234186 (AC40124139) datat 16 ta' April tas-sena 2009 (Dok. D);

Servizz ta' ethernet (D-ECORPENG) datat 14 ta' Dicembru tas-sena 2010 (Dok. E).

Is-socjeta' rikorrenti pprestat is-servizzi kontrattati lis-socjeta' intimata;

In konnessjoni mas-servizzi mertu ta' din il-vertenza, is-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, mija u hames ewro u tlieta u sittin centezmu (€12,105.63). Illi tali ammont jirrizulta mill-fatturi annessi in kwantu ghal:

Elf u wiehed ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,001.52) in konnessjoni ma' 21234184 (AC40124281) [Dok. F];

Elf, seba' mija u sitta u sittin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€1,766.77) in konnessjoni ma' 21234186 u 21233211 (AC40071871) [Dok. G];

Elf, tliet mija u sebgha u sebghin ewro u seba' centezmi (€1,377.07) in konnessjoni ma' 21234186 (AC40124139) [Dok. H];

Sebat elef, disa' mija u sittin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€7,960.27) in konnessjoni mas-servizz ta' ethernet (D-ECORPENG) [Dok. I].

Is-socjeta' intimata giet interpellata biex thallas, izda din baqghet inadempjenti;

Joseph Dimech huwa impjegat tas-socjeta' GO p.l.c. fil-vesti ta' Senior Manager, Credit Control, u jaf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, mija u hames ewro u tlieta u sittin centezmu (€12,105.63) bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 268/12, u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Dicembru tas-sena 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li giet debitament notifikata, is-socjeta' intimata baqghet ma ressqet ebda twegiba.

Semghet ix-xhud.

Rat l-atti kollha.

Rat li ebda rapprezentant tas-socjeta' intimata qatt ma deher, lanqas biex isiru sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' GO p.l.c. qed tirreklama minghand is-socjeta' intimata ammonti lilha

dovuti ghal diversi servizzi ta’ komunikazzjoni rezi. Irnexxielha tipprova illi t-talbiet taghha huma gustifikati u jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ GO p.l.c. u tikkundanna lil Ecorp Limited thallasha s-somma ta’ tnax-il elf, mija u hames ewro u tlieta u sittin centezmu (€12,105.63). bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Ecorp Limited.

IMHALLEF

DEP/REG